**22 ta' Marzu, 1995**

**Imhallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.**

Leslie Causon *noe*

*versus*

Godwin Abela *noe*

**Qrati Superjuri - Qrati Inferjuri - Kompetenza ta' - Ġurisdizzjoni ta' - Kompetenza *Rationae Materiae* - Att Oġġettiv ta' Kummerċ - Artikolu 5(ġ) tal-Kodiċi tal-Kummerċ - Assigurazzjoni - Surroga**

*L-attur assikuratur issurrogat aġixxa biex jirkupra Lm200 danni rappreżentanti ħsarat f' vettura. Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati li ddikjarat ruħha inkompetenti* rationae materiae.

*Il-Qorti ta' l-Appell addottat żewġ konsiderazzjonijiet prinċipali. L-ewwel segwiet b' approvazzjoni l-linja ġurisprudenzjali addottata illi anke għall-fini ta' omoġenita`, il-liġi tagħna tidher illi trid illi drittijiet naxxenti minn materji relatati ma' baħar, navigazzjoni ma' assikurazzjoni marittima għandhom ikunu materja ta' konjizzjoni tal-Qorti tal-Kummerċ u mhux ta' Qrati oħrajn u dan apparti milli l-artikolu 5(ġ) tal-Kodiċi tal-Kummerċ jelenka proprju l-assigurazzjoni kemm marittima kemm mhijiex bħala att oġġettiv tal-Kummerċ. Hemm it-tieni konsiderazzjoni illi d-dritt ta' azzjoni ta' l-attur jiskaturixxi mill-istess assigurazzjoni marittima relattiva u l-polza tas-surroga li saret. Anke jekk l-azzjoni kienet ta' danni fl-istess waqt ma jistax ikun hemm xissjoni a priori mill-istess assigurazzjoni marittima, il-għaliex id-drittijiet ta' l-attur jiskaturixxu proprju minn hemm.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) deċiża fit-23 ta' Settembru, 1994 li minnha sar dan l-appell li taqra hekk:

"Il-Qorti:

Rat it-talba ta' l-attur *nomine* għall-kundanna tal-konvenut *nomine* biex iħallas is-somma ta' Lm200 rappreżentanti ħsarat f'konsenja ta' 28 karozza Mazda li waslu Malta fis-6 ta' April, 1993 abbord il-vapur Jinsel Maru għal liema ħsarat il-konvenut kien responsabbli;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li ġie inġunt għas-subizzjoni u bl-imgħaxijiet mid-29 ta' Marzu, 1994, data tal-presentata ta' l-avviż, sad-data tal-pagament effettiv;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* fejn qal:

Illi fl-ewwel lok it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ġa` teżisti kawża fuq l-istesss ismijiet fuq l-istess meritu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Avviż Nru. 300/94GV appuntata għat-28 ta' April, 1994 u għalhekk tapplika l-eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens* u *ne bis in idem*;

Illi fit-tieni lok it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li s-soċjeta The Cargo Handling Co. Ltd. ikkonsenjat u qdiet il-funzjonijiet kollha bid-diliġenza rikjesta minnhom mil-liġi;

Illi fit-tielet lok u bla preġudizzju għall-premess għandha tiġi pprovata l-allegata surroga;

Illi fir-raba' lok u bla preġudizzju għall-premess it-talbiet attriċi huma għal kollox esaġerati;

Illi fil-ħames lok u bla preġudizzju għall-premess l-interessi jiddekorru mid-data tan-notifika stante li si tratta dwar kawża ta' danni (sentenza ta' l-appell - Sede Kummerċjali deċiża fis-6 ta' April, 1992 Ċitazz. Nru. 112/86 - **Dr. Robert Staines u Walter Camilleri** ***vs*** **Chev. Silvio Mifsud, Godwin Abela u John Cavallo**);

Illi fl-aħħarnett *ai termini* ta' l-artikolu 90 tal-*Port Regulations* (Part VII). *Warehousing/Goods stored in the open or deposited in the open, always at the sole risk of the owner*, u għalhekk għal dawn ir-raġunijiet is-soċjeta` konvenuta ma tistax tinstab responsabbli;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut *nomine* fejn qal:

Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti hija inkompetenti *rationae materiae* stante li hawn si tratta ta' materja ta' assigurazzjoni marittima li taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Qorti tal-Kummerċ ai termini ta' l-artikolu 38 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u skond is-sentenza **Noel Ellul** ***vs*** **David Jones u Godwin Abela** - Avviż Nru. 1128/92 GV deċiża fit-22 ta' April, 1993 fil-Qorti ta' l-Appell - Sede Inferjuri;

Illi fit-tieni lok it-talbiet attriċi fil-konfront *nomine* huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konsenja ta' 28 vettura ġiet ikkonsenjata direttament lill-riċevitur appena niżlet minn fuq il-vapur (*direct delivery*) kif jidher ampjament ċar mill-*joint tally sheet* nru. 61386 liema dokument qed jiġi anness ma' dan l-avviż (Dok.

ED 1);

Illi fit-tielet iok u bla preġudizzju għall-premess, mhumiex dovuti ebda mgħaxijiet stante li s-soċjeta` attriċi qed taġixxi biss bħala delegata ta' l-assigurat tagħha a bażi tal-polza ta' l-asigurazzjoni u għalhekk is-surroga tapplika biss għas-somma minnha mħallsa lill-assigurat;

Illi fl-aħħarnett ai termini ta' l-artikolu 90 tal-*Port Regulations* (Part VII) dwar *warehousing/goods stored in the open or deposited in the open, always at the sole risk of the owner* u t-*thirteenth schedule* ta' l-istess artikolu u għal dawn ir-raġunijiet is-soċjeta` konvenuta ma tistax tinsab responsabbli;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat dwar l-eċċezzjoni tal-kompetenza;

L-artikolu 38 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi li "Huma wkoll ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ biss .... il-kawża kollha dwar sigurta` marittima ....";

L-attur *nomine* qiegħed jipproponi din il-kawża bħala surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha "skond il-liġi u skond il-polza ta' assigurazzjoni". Din il-polza hija polza marittima peress illi kienet konsenja li ġiet bil-baħar u li dwarha l-attur *nomine* jgħid li ħallas lill-asigurat ammont ta' danni. Din l-azzjoni b'hekk qed tiġi proposta mill-attur *nomine* in forza tad-drittijiet tiegħu taħt il-polza msemmija wara li ndennizza l-assigurat kif kien obbligat li jagħmel taħt l-istess polza;

Kif ġie ritenut fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell **Noel Ellul *noe* *vs* D. Jones *et noe et noe*** "jekk hawn si tratta ta' soċjeta` assikuratriċi li qed taġixxi in kwantu ssurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha, id-dritt ta' azzjoni tagħha jiskaturixxi proprju mill-esistenza ta' assigurazzjoni marittima anke jekk l-azzjoni hija merament waħda ta' danni";

Inoltre l-artikolu 5(ġ) tal-Kodiċi tal-Kummerċ "jelenka l-assikurazzjoni bħala att oġġettiv tal-Kummerċ" u għalhekk anke minn dan l-aspett il-foro kompetenti hija l-Qorti tal-Kummerċ;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni ta' inkompetenza *rationae materiae* ssollevata mill-konvenut *nomine*, tiddikjara ruħha mhux kompetenti u tillibera lill-konvenut *nomine* mill-osservanza tal-ġudizzju. Bl-ispejjeż għall-attur *nomine*";

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' Leslie Causon *nomine* li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenut *nomine* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess konvenut *nomine*;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' Godwin Abela *nomine*;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-appellant qiegħed jissottometti li l-ewwel Qorti ddeċidiet li m'hijiex kompetenti għaliex "kif ġie ritenut fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell **Noel Ellul** ***nomine vs*** **D. Jones** ***et nomine et nomine*** "jekk hawn si tratta ta' soċjeta` assikuratriċi li qed taġixxi nkwantu ssurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha, id-dritt ta' l-azzjoni tagħha jiskaturixxi proprju mill-eżistenza ta' assikurazzjoni marittimma anke jekk l-azzjoni hija verament waħda ta' danni";

L-appellant ma jaqbilx ma' din l-osservazzjoni jew konklużjoni ta' l-ewwel Qorti bbażata kif ingħad. Huwa jissottometti li huwa minnu illi l-interess ġuridiku ta' l-attur *nomine* jiskaturixxi minn assigurazzjoni marittima, pero` dan ma jfissirx li l-azzjoni toħroġ barra mill-ambitu tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta. In-natura ta' l-azzjoni toħroġ mill-kawżali u t-talbiet u mhux mill-okkju. Il-meritu jirrigwarda kawża għad-danni u t-talba hija waħda relattiva għall-ħlas. Meta l-attur *nomine* ġie ssurogat, huwa daħal fiż-żarbun ta' l-assikurat tiegħu. Huwa dan li wieħed irid ifisser b'surroga. Is-surroga infatti fil-liġi, ma tbiddilx in-natura ta' l-azzjoni. Dak li effettivament ser jiġi eżaminat fil-kawża huwa sempliċement jekk il-konvenut huwiex responsabbli għad-danni jew le;

L-appellant jissottometti li tqum kwistjoni dwar is-surroga biss jekk il-konvenut iqajjem eċċezzjoni f'dan is-sens. Imbagħad tkun din l-eċċezzjoni li ma tkunx sindakabbli mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta). L-appellant ma jifhimx għaliex għandu jiġi assoġġettat għal proċeduri fil-Qorti tal-Kummerċ minflok quddiem Qrati Inferjuri sempliċement għaliex l-importatur issurroga s-soċjeta` assikuratriċi fid-drittijiet tiegħu. Huwa jissottometti li l-interess ġuridiku ta' l-attur, li joħroġ mill-assikurazzjoni marittima, ma jaffettwax il-ġuridizzjoni tal-Qorti. Dan bħal meta f'kawża ta' żgumbrament fejn min qed jokkupa l-fond m'għandux titolu u fejn

il-valur lokatizzju huwa fil-kompetenza tal-Qrati Inferjuri, iżda l-valur tal-fond huwa iktar minn Lm250. Jekk titqajjem eċċezzjoni dwar jekk min qed jipproponi l-kawża hux is-sid, din il-kwistjoni għandha tiġi riżervata għall-ġudizzju tal-Qorti kompetenti (Prim'Awla jew Kummerċ). Dan ma jfissirx illi l-kawża ta' żgumbrament ma taqax fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti Inferjuri. F'dan l-eżempju l-interess ġuridiku ta' l-attur joħroġ mill-fatt li huwa proprjetarju tal-fond *de quo* u l-kwistjoni tal-proprjeta` o meno teżorbita mill-kompetenza tal-Qrati Inferjuri. Pero` hawn si tratta ta' interess ġuridiku u mhux ta' meritu tal-kawża;

L-appellant jissottometti wkoll fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju li l-ewwel Qorti qalet illi skond l-artikolu 5(ġ) tal-Kodiċi tal-Kummerċ dan jelenka l-assigurazzjoni bħala att oġġettiv tal-Kummerċ u għalhekk anke taħt dan l-aspett il-foro kompetenti hija l-Qorti tal-Kummerċ;

Huwa jaqbel li f'kawża li tirrigwarda assigurazzjoni, l-Qorti tal-Kummerċ hija l-Qorti kompetenti. Pero`, kif diġa` ssottometta, din il-kawża, skond hu, mhijiex dwar assigurazzjoni u lanqas ma jista' jingħad li l-kawża skaturiet minn assigurazzjoni. Il-kawża, skond hu, skaturiet minħabba nuqqas ta' konsenja/danni allegati li qed jiġu attribwiti lill-konvenut *nomine*. Kien f'dan il-mument li twieldet il-vertenza. Li skaturixxa mill-assigurazzjoni mhix il-kawża jew il-meritu tal-kawża, iżda s-surroga ta' l-attur u l-konsegwenzjali interess ġuridiku. Jekk iqum argument dwar il-validita` o meno tas-surroga, allura tkun proprju din il-kwistjoni li toħroġ mill-ambitu tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati Inferjuri;

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok, din il-Qorti trid turi l-apprezzament tagħha għall-mod kif l-abbli difensuri ttrattaw il-punti legali involuti f'dan l-appell u tapprezza wkoll id-diffikulta` ta' l-appellant ikkonfrontat kif inhu b'referenza fis-sentenza appellata għal sentenza oħra mogħtija minn din l-istess Qorti kif ippresjeduta, ċjoe` dik in re **Ellul *vs* Jones**, tat-22 ta' April, 1994;

Din il-Qorti, f'dik is-sentenza, wara li kienet għamlet rassenja ta' xi ġurisprudenza preċedenti u kkonċentrat l-iktar fuq kif il-liġi tħares lejn kawżi li jinvolvu kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-baħar u man-navigazzjoni, kienet waslet għall-konklużjoni li, anke jekk si tratta ta' soċjeta` assikuratriċi li tkun qed taġixxi nkwantu surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha, id-dritt ta' l-azzjoni tagħha jiskaturixxi proprju mill-eżistenza ta' l-assikurazzjoni marittima anke jekk l-azzjoni tkun verament waħda ta' danni. F'dik l-istess sentenza din il-Qorti kompliet tgħid illi l-konsegwenzi ta' dan bħala fatt, jistgħu jkunu ħafna fis-sens li kawża tista' tisvolġi ruħha f'mod li taffettwa anke r-relazzjonijiet bejn is-soċjeta` assikuratriċi u l-assikurat tagħha, anke jekk dan issurrogaha fid-drittijiet tiegħu;

Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa din l-istess sentenza tagħha, rat ukoll xi sentenzi oħra ċitati mill-partijiet, fosthom **Ferrante *vs* Cuschieri** deċiża minn din il-Qorti, diversament ippresjeduta fis-27 ta' Mejju, 1991 li għaliha saret referenza preċedentement anke fis-sentenza ta' Jones u anke għal sentenza oħra in re **Staines *vs* Abela**, ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tas-6 ta' April, 1992 u tasal għall-konklużjoni li ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-appellant illi l-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza li ssemmiet għandha tiġi ddisturbata. Dak illi jinduċi lil din il-Qorti tasal għal din il-konklużjoni primarjament jikkonsisti f'żewġ

konsiderazzjonijiet. L-ewwel konsiderazzjoni hija proprju dak li ssemma fil-kawża ta' Ferrante u anke ta' Jones u ċjoe` li anke għall-fini ta' omoġenita`, il-liġi tagħna tidher illi trid, illi drittijiet naxxenti minn materji relatati ma' baħar, ma' navigazzjoni, ma' assikurazzjoni marittima, għandhom ikunu materja ta' konjizzjoni ta' Qorti ta' Kummerċ u mhux ta' Qrati oħrajn. Dana apparti milli l-artikolu 5(ġ) tal-Kodiċi tal-Kummerċ jelenka proprju l-assikurazzjoni kemm marittima kemm mhijiex bħala att oġġettiv tal-kummerċ. Din hija l-ewwel konsiderazzjoni kif ingħad fis-sentenza ta' Ferrante kif ukoll f'dik ta' Jones u li hija prattikament esiġenza ta' kompletezza u rettezza organizzattiva li timmerita li tiġi rispettata. Hemm pero` konsiderazzjoni oħra u ċjoe` illi nkwantu d-dritt ta' azzjoni ta' l-attur *nomine* jiskaturixxi mill-istess assikurazzjoni marittima relattiva u l-polza tas-surroga li saret. Anke jekk l-azzjoni preżenti verament hija waħda ta' danni, fl-istess ħin ma jistax ikun hemm xissjoni *a priori* mill-istess assikurazzjoni marittima, il-għaliex id-drittijiet ta' l-attur jiskaturixxu proprju minn hemm. L-attur jidħol fil-vesti ta' din is-surroga u min issurrogah seta' jissurrogah proprju minħabba li kien hemm polza ta' assikurazzjoni li għaliha hemm riferenza fil-proċess. Id-drittijiet jiskaturixxu minn hemm u mhux biżżejjed li jingħad illi l-eżistenza tal-polza ta' l-assigurazzjoni hija biss marġinali u aċċidentali u rilevanti biss jekk tqum xi kwistjoni dwar il-validita` tagħha. Il-fonti tad-dritt ta' azzjoni ta' l-attur infatti f'dan il-każ hija l-kombinazzjoni tas-surroga u tal-polza ta' assikurazzjoni flimkien u f'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma tħossx li huwa l-każ li tiddipartixxi minn dak li kienet iddeċidiet fis-sentenza tagħha in re **Noel Ellul *nomine* vs D. Jones *et nomine et nomine***;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż

Rat l-avviż ta' l-attriċi għall-kundanna tal-konvenuti biex fi żmien qasir u perentorju jiżgumbraw mill-fond, 26 St. Joseph High Road, Ħamrun, proprjeta` ta' l-attriċi, stante li qegħdin jokkupawh mingħajr titolu validu fil-liġi;

Għall-fini ta' kompetenza jiġi ddikjarat li l-valur lokatizzju tal-fond huwa li ma jeċċedix it-tletin lira Maltija (Lm30);

Bl-ispejjeż u bil-konvenuti nġunti għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut a fol. 8 tal-proċess;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d--dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Semgħet lill-avukati difensuri jittrattaw;

Rat il-verbali tas-26 ta' Settembru; 17 ta' Ottubru u tal-lum;

Mill-provi prodotti jirriżulta li Maria Pace kienet xtrat il-kumplament taċ-ċens tal-post 26, St. Joseph High Road, Ħamrun (ara kuntratt a fol. 67). Kienet ħallset iċ-ċens dovut lill-proprjetarji iżda l-attriċi, li kellha ottav ta' l-imsemmi fond, m'aċċettatx iċ-ċens, għalhekk dana ġie ddepożitat fil-Qorti (ara fol. 77-79);

Meta ħadet il-post, Maria Pace kienet toqgħod fil-post 20, Triq Villambrosa, Il-Ħamrun u kriet il-post 26, St. Joseph High Road, lil bintha u lil żewġha, il-konvenuti, li issa ilhom minn 1972 joqogħdu f'dan il-post. Il-konvenuti jħallsu l-kera lil Maria Pace u dina tħallas iċ-ċens lil ko-proprjetarji. Jidher li issa l-attriċi saret il-

ta' din l-istanza għall-appellant.